MINISTERU
TA' L-EDUKAZZJONI

MINISTRY
OF EDUCATION

MALTA

**MOEDPR 156/02**

**Press Handout** **30/10/02**

**Diskors mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Dr Louis Galea waqt Seminar organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tan-Nisa dwar 'Il-litteriżmu - sfidi u opportunitajiet', l-Erbgħa, 30 ta' Ottubru 2002, Despott Hall, Floriana.**

Dal-mument huwa wieħed mill-aktar eċċitanti fl-istorja ta' l-edukazzjoni f'pajjiżna. Huma bosta dawk l-edukaturi u akkademiċi li esprimew l-apprezzament tagħhom għal dak kollu li qed iseħħ dan l-aħħar fil-kamp edukattiv.

Nieħdu l-eżempju tal-Kurrikulu Nazzjonali. Dokument li kieku l-edukaturi kollha kellhom jagħmlu ħilithom b'mod sħiħ biex iwettquh, żgur li l-problema ta' l-illitteriżmu fostna inxejnuha għal kollox.

Id-dokument *Inwelldu l-Ġejjieni Flimkien - Kurrikulu Nazzjonali* li ħriġna f'Diċembru ta' l-1999, hu dokument ħaj u progressiv li jispjega ċar ħafna tliet elementi kruċjali għal prattika effettiva ta' kull edukatur.

- Il-kurrikulu jelenka u jfisser ħmistax-il prinċipju edukattivi li kull edukatur għandu jħaddan;
- Il-Kurrikulu jispjega erbatax-il għan edukattiv wiesa' li kull edukatur għandu jew għandha timmira lejhom fil-prattika tagħha;

IL-FURJANA, MALTA
TEL : 242759, 25982512, 25982513 FAX : 242759

- Il-Kurrikulu jispjega wkoll ir-riżultati li kull edukatur huwa mistenni li jiffaċilita` permezz ta' ħidmietu. Dawn ir-riżultati, għall-ewwel darba f'pajjiżna, huma elenkati f'forma ta' l-għerf, il-ħiliet u l-attitudnijiet speċifiċi li kull student u studenta għandha tingħata l-opportunita` li tikseb matul il-vjaġġ edukattiv tagħha sa sittax il-sena.

Malli temmejna l-proċess twil imma dinamiku ta' konsultazzjoni ma' kull min għandu interess fl-edukazzjoni f'pajjiżna u ippubblikajna l-Kurrikulu Nazzjonali l-ġdid, ħsibna sabiex dan id-dokument insarrfuh fi pjan strateġiku ta' ħames snin. Hawn ukoll erġajna ħeġġiġna lil kull min hu interessat jikkontribwixxi biex jipparteċipa. Waqqafna kumitat nazzjonali biex jixpruna dan il-proċess. Min-naħa tiegħu, il-Kumitat Nazzjonali waqqaf 15-il grupp li ħadmu sfiq biex iħejju pjan marbut ma' tema. Il-pjanijiet kollha imbagħad ġew magħsura fid-dokument *Strategic Plan - National Curriculum on Its Way* li tqassam f'Marzu ta' l-2001.

Ma waqafniex hemm.

Komplejna biex innegozjajna pakkett finanzjarju sabiex il-miri mfissra fil-Pjan Strateġiku jkunu jistgħu jitwettqu. Ma waqafniex hemm. Waqqafna il-*Kunsill Nazzjonali għall-Kurrikulu* sabiex imexxi l-proċess ta' twettiq (il-lejla għandna magħna lill-Ms Mary Vella li hija *Chairperson* ta' dan il-Kunsill importanti). Dan il-Kunsill waqqaf 15-il *Focus Group* biex joffru għajnuna teknika lill-iskejjel fil-qasam partikolari tagħhom - dejjem skond il-miri tal-Pjan Strateġiku dwar it-twettiq tal-Kurrikulu Nazzjonali.

U erġajna ma waqafniex hemm.

Waqqafna żewġ Fondazzjonijiet biex jindukraw żewġ elementi fondamentali tal-Kurrikulu Nazzjonali:

- l-ambjent fiżiku;
- il-litteriżmu tal-familja.

Fil-fatt, il-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada qed taħdem sabiex isebbaħ l-ambjent fiżiku fl-iskejjel pubbliċi u qed taħdem biex tibni oħrajn ġodda wkoll. Kellna numru kbir ta' skejjel li fetħu bwiebhom f'Ottubru b'ambjent sabiħ li jilqgħek u li jferraħ lit-tfal.

Min-naħa tagħha, il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi, fi żmien qasir, bdiet taħdem f'għoxrin skola primarja biex tgħin lill-iskejjel fl-isfida kbira tagħhom li jnaqqsu l-illiteriżmu u li jgħinu lit-tfal jitgħallmu aħjar. Il-Fondazzjoni bdiet taħdem ukoll ma' skejjel sekondarji sabiex jiżviluppaw strateġiji u materjali edukattivi għal tfal li, minkejja li leħqu livell sekondarju, għandhom problema fil-kitba u qari kemm fil-Malti kif ukoll fl-Ingliż. Il-Fondazzjoni bdiet servizz ieħor li jilqa' lil tfal minn skejjel pubbliċi primarji u sekondarji oħrajn li għandhom diffikulta' ta' litteriżmu. Kull pass li l-Fondazzjoni tagħmel, qed tinvolvi bis-sħiħ lill-ġenituri. Nissuġġerilkom taqraw sew il-Kurrikulu Nazzjonali sabiex tiskopru x'jgħid dwar is-sehem tal-ġenituri fil-kurrikulu. Il-ħidma tal-Fondazzjoni, id f'id mal-ġenituri, hija importanti immens għax qed trawwem il-kurrikulu tad-dar, il-kurrikulu tal-familja.

Qed inwettqu numru ta' inizjattivi oħra sabiex jissaħħaħ il-litteriżmu f'pajjiżna. Żidna n-numru ta' *Complementary Teachers* - minn 37 fl-2000

għal 56 fl-2001 għal madwar 72 fl-2002. Dawn l-għalliema joffru appoġġ edukattiv speċjali lil studenti f'Year 2 tal-primarji, u ġieli f'xi snin oħra wkoll, li jkollhom diffikultajiet fil-kitba, qari, komunikazzjoni u matematika.

Qed inħabirku sabiex jissaħħaħ u jikber is-servizz għal studenti bi problemi speċifiċi ta' tagħlim (*specific learning difficulties*) bħal ma huma d-*dyslexia*, l-ADHD, id-*dyspraxia*, *dyscalcula*, u oħrajn.

Ipprovdejna fondi lil *Literacy Unit* fi ħdan il-Fakulta` ta' l-Edukazzjoni ġewwa l-Universita' ta' Malta sabiex:

- twettaq l-ewwel (1999) u t-tieni (2002) *Survey* Nazzjonali dwar il-Litteriżmu;
- jibda programm li jwassal għal M.Ed fil-*Literacy*;
- twettaq programm ta' appoġġ lill-għalliema fi skejjel b'perċentaġġ għoli ta' tfal bi problemi ta' kitba u qari.

Qed nipprovdu ħafna opportunitajiet għal taħriġ għall-għalliema sabiex ikomplu jiġġeddu fil-kompetenzi, ħeġġa, u ħila. Ta' min isemmi hawn li, ta' kull sena, id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni toħroġ katalgu ta' korsijiet għall-għalliema. Id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni pprovdiet fondi sostanzjali lill-Istitut tal-Lingwistika fl-Universita` ta' Malta biex imexxi programm ta' taħriġ għall-għalliema fil-metodoloġija ta' tagħlim tal-kitba. Id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni qed tipprovdi fondi lill-Universita` wkoll sabiex jħarrġu aktar għalliema fil-metodu *Let Me Learn*. Il-*Let Me Learn* huwa għodda oħra għall-għalliema sabiex jifhmu aħjar kif huma stess u kull student tagħhom jitgħallmu l-aħjar.

Ħdimna sfiq biex noħorġu serje ta' *policies* u linji gwida għall-iskejjel u għalliema biex inkomplu ngħinuhom iwettqu ħidmiethom b'anqas ansjetajiet. Fost id-dokumenti li rnexxielna noħorġu matul dawn l-aħħar tliet snin insemmilkom dawn is-sitta li ġejjin:

- *Child Protection - Procedures for Schools* (1999);
- L-Imġiba Tajba fl-Iskejjel - il-politika nazzjonali u pjan t'azzjoni dwar l-ibbuljar (Mejju, 2002)
- *Inclusive Education - policy regarding students with a disability* (July, 2002)
- *Tackling Substance Abuse: guidelines for schools* (2001).
- *Good Behaviour and Discipline - guidelines for Schools* (2001).
- *Creating Inclusive Schools - guidelines for the implementation of the National Curriculum Policy on Inclusive Education* (Ottubru, 2002).

Wara t-twaqqif tal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija, nbdiet taqsima ġewwa l-Kulleġġ sabiex toffri appoġġ lil żgħażagħ b'diffikultajiet ta' kitba u qari. Dan sabiex aktar żgħażagħ ikollhom opportunita` jsegwu xi wieħed mill-korsijiet vokazzjonali li qed joffri l-Kulleġġ.

Ta' kull sena wkoll, id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni toħroġ katalgu tal-korsijiet għall-adulti offruti f'diversi Ċentri lokali madwar Malta u Għawdex. Fost il-korsijiet li toffri d-Diviżjoni, hemm dawk immirati lejn min ma jafx jikteb u jaqra.

Nista’ nibqa’ sejjer. Ibqgħu żguri li, min-naħa tal-Ministeru u tad-Diviżjoni ta’ l-Edukazzjoni, qed nagħmlu minn kollox biex insaħħu l-litteriżmu f’pajjiżna, mhux biss dak tradizzjonali iżda wkoll dak tal-kompjuter. Biss, ħidmietna weħidha mhijiex biżżejjed. Jinħtieġ sforz kollettiv fejn kull wieħed u waħda minna temmen aktar kemm f’dak li qed tagħmel kif ukoll fl-abbilta` ta’ kull student. Bħal fil-każ ta’ professjonijiet oħra, mhux biżżejjed li wieħed jiggradwa bħala għalliem u jieqaf hemm. Lanqas mhu biżżejjed li għalliema tingħata klassi fil-primarja jew suġġett x’tgħallem fis-sekondarja u tieqaf hemm. Jinħtieġ li kull għalliem iqanqal fih/fiha is-sabiħ tal-vokazzjoni sabiex fl-iskejjel tagħna jinbena spirtu ta’ kolleġjalita` ħaj li jwassal għal skejjel tassew effettivi.

Jinħtieġ ukoll li l-iskejjel jaħdmu b’mod dinamiku u ħaj id f’id mal-ġenituri. Il-ġenituri qed isiru aktar konxji ta’ l-importanza li naqsmu magħhom metodi prattiċi ta’ kif huma jistgħu jgħinu lil uliedhom jitgħallmu b’mod effettiv. Inutli nibqgħu nwaħħlu fil-ġenituri meta l-affarijiet jidhru li sejrin ħażin u li tfal qed jaqgħu lura fit-tagħlim. Flok ma nwaħħlu biss fil-ġenituri jeħtieġ li nagħmlu eżami tal-kuxjenza biex naraw jekk aħna, responsabbli mis-sistema edukattiv, fiċ-ċentru u fil-klassi, hux qegħdin nagħmlu mill-aħjar biex nifhmu lit-tfal li jiġu fdati lilna għat-tagħlim u biex ngħinuhom jitgħallmu b’modi differenti. Il-prinċipju ta’ *fairness* ma jfissirx li kull tifel u tifla għandhom dritt għall-istess edukazjoni iżda li kull tifel u tifla jiksbu dak li jinħtieġu.

Jeħtieġ li bħala kapijiet ta’ skola nirriflettu fil-fond kemm fil-verita` qed inkunu mexxejja għaqlin li nimmobilizzaw l-enerġija, ħerqa, u rieda tajba

tat-tim tagħna fl-iskola biex l-iskola titbiegħed mill-medjokrita` u xxaqleb lejn l-effettivita`.

Jeħtieġ li bħala amministraturi u mexxejja naraw x'hemm fis-sistema li qed nindukraw li mhux sejjer tajjeb ħalli dak li qed ninvestu jirrendi riżultati aktar pożittivi.

Jeħtieġ li naffermaw il-kisbiet ta' dawk li qed jagħmlu ħilithom u li niċċelebraw regolarment aktar dak li sejjer tajjeb jew tajjeb ħafna fis-sistema edukattiva tagħna. Dan jgħin biex dawk li fis-skiet jagħmlu ħilithom ma jaqtgħux qalbhom bl-indifferenza u nuqqas ta' kompetenza u reżistenza għall-bidla ta' sħabhom.

Jeħtieġ li, għalenija, nħarsu 'l quddiem biex, fl-għaxar snin li ġejjin, li ġew dikjarati mill-Ġnus Magħquda bħala *Literacy Decade*, nagħmlu passi kbar fil-litteriżmu ta' kull ċittadin.

Għandna l-ingredjenti kollha. Insaħħu r-rieda tajba u l-isforz ġenwin ta' kull wieħed u waħda minna b'risq it-tfal u l-poplu Malti.